# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 203/2015**

Il-Pulizija

vs

**Mario Camenzuli**

iben Joseph, imwieled Sliema, fl-1 ta' Marzu, 1963, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 150663(M)

Illum, 10 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Camenzuli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn l-1 ta' Frar, 2014 sas-7 ta' Settembru, 2014 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Anna Maria Camenzuli u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu xaharejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Mario Camenzuli pprezentat fit-30 ta' April, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkancella is-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjoni migjuba kontrih.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qortii ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment u b'mod ragonevoli tasal ghall-htija ta' l-appellant stante li huwa legalment stante li l-azzjoni kriminali hija wahda estinta bil-preskrizzjoni.

Dan qieghed jigi sostnut peress li huwa qatt ma kien legalment notifikat bic-citazzjoni fit-terminu preskritt mill-ligi. Ir-referta li giet esebita l-Qorti ma hiex valida u dan peress li l-atti gudizzjari li qieghed tirreferi ghalihorn gew irtiratti mill-pulizija. Wara li dawn gew irtirati, l-appellant qatt ma gie legalment notifikat bic-citazzjoni kif korretta. Fil-fatt l-appellant attenda l-Qorti ghas-seduta ta' 1-20 ta' April, 2015 wara li l-avukat difensur tieghu infurmah sabiex jitla l-Qorti.

Illi ghalhekk minn Settembru, 2014 sal-20 ta' April, 2015 ghaddew aktar minn sitt xhur u ghaldaqstant l-azzjoni krirninali hija wahda estinta bil-perjodu ta' sitt xhur preskrizzjoni.

Illi minghajr pregudizzju ghal dan l-aggravju, l-perjodu indikat fic-citazzjoni jirrisali ghal zmien meta tali digriet li l-Qorti tal-Magistrati sabet htija fuqu kien digriet li legalment ma kienx ghadu in vigore u legalrnent enforzabli. Dan qieghed jigi sostnut peress li d-digriet nghata fil-31 ta' Ottubru, 2013 b'effett mis-27 ta' Settembru, 2013 u ghalhekk kienu ghaddew aktar minn sitt xhur mill-gheluq tal-medjazzjoni li warajha qatt ma nfethet kawza. La ma kienx hemm digriet in vigore, issegwi li ma kienx hernm ksur ta' ordni pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2017 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Mario Camenzuli dwar il-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lil Mario Camenzuli taht il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.